# NISEL IL-KLIEM

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 107-108, pp. 107-109)*

*BAĦRIJA* : Xorta ta' naħla li l-poplu jaħseb li ġġib aħbar tajba tan-nies imsiefra jekk tkun ta' lewn griż u aħbar ħażina jekk tkun ta' lewn iswed. Skond A. E. Caruana (Vocabolario ecc.) *il-baħrija*="vespa calabrone, la quale suol apparire in alcune stagioni ed entrare svolazzando nelle stanze delle case onde le fu dal volgo attribuito l'ufficio d'apportare notizie d'oltre mare, fauste e infauste a secondo del suo colore : donde il suo nome." Barbera jġib dil-kelma Maltija mill-Għarbi *bal-khajrija* (with goodness or happiness) imma, kif għidna, din in-naħla twassal ukoll *l-aħbar ħażina* jekk tkun sewda. Il-Professur Saydon jaħseb li ġejja mill-Għarbi *kh*abarija (news) b'metatesi ta' l-ewwel żewġ konsonanti. Dessoulavy jġibha mill-Għarbi *baħrija* ("the lady sailor" or "the Northerner" cf. Griffini p. 187).

Norfoloġikament din il-kelma hi aġġettiv relattiv femminil maħruġ minn *baħar* (sea); u għalhekk *baħrija* tissejjaħ kull ħaġa (jew bniedem) li għandha x'taqsam mal-baħar. U din in-naħla tidher li ħadet dan l-isem għax iġġib l-aħbar tan-nies imsiefra jew fuq il-baħar. Fis-Saħara hemm xorta ta' seqer "Varieté de faucon" (Beaussier) li jissejjaħ *b^aħri*. *Baħrija* fit-tifsira tagħha Maltija, sa fejn naf jien, tinsab fil-Malti biss.

*ĊAJT* : Plural kollettiv ta' *ċajta* "a joke", mnejn noħorġu l-verb *iċċajta* "to joke". Dessoulavy jaħseb li tista' tiġi mill-

kelma Għarbija "xawt" li bl-Ingliż tfisser "race on horseback". Il-Barbera, li ma jidherx li ntebaħ li Vassalli jagħtiha wkoll fid-dizzjunarju tiegħu (1796), iġibha mill-Ingliż "to chat". Imma l-kelma Maltija ġejja mill-Isqalli *piato* u *ciaita* li ġejjin mil-Latin *placitum*. Għattibdil tal-konsonanti Latini *pl* fil-bidu tal-kelma f'*ċ* qabbel il-kelma Maltija-Sqallija *ċanga* mill-Latin *planca*. Pasqualino jfisser *chi^a^ita* bħala "ciarla, favola, vanità" u *chiaitari* (qb. M. *iċċajta*) "colui che riporta novelle". L-Isqalli *cajt* li taqbel mal-Malti *ċajt* hija l-plural ta' *ciaita*, M. *ċ^a^jta*.

*ĊAGĦAK*: Plural kollettiv ta' *ċagħka* (pebble). Dil-kelma m'għandha xejn x'taqsam mal-kelma Għarbija *zaw^a^hq* (smooth pebble) kif ħaseb Dessoulavy. Barbera ġieb il-kelma Maltija mill-ewwel mill-Persjan "kagħka". Imma l-kelma Maltija hija l-istess kelma Sqallija *ciaca* "sassolino tondo per lo più ad uso di acciotolare". (Pasqualino). Giacomo De Gregorio fis-seba' volum ta' *Studi Glottologici Italiani* jgħid li dil-kelma semagħha Tuneż ukoll u fil-fehma tiegħu l-kelma li sema' Tuneż daħlet hemmhekk minn Sqallija.

Iżda *ċ^a^għka* tista' tkun ukoll kelma ta' nisel Għarbi li trieħdet Sqallija u mbagħad reġgħet daħlet fl-Afrika ta' Fuq. Jista' jkun ukoll li l-kelma Sqallija hija mnissla mill-ewwel mill-kelma Għarbija *kagħka* bil-konsonanti *k tal-bidu* mibdula f'*ċ* bħal ma dlonk jiġri fi kliem Sqalli meħud mill-Latin, fejn l-ewwel konsonanti għandha l-ħoss ta' *k*, bħal Sq. *chiara*, M. *ċar*, mil-Latin *clarus*.

*ĦANXKEN*: "To press one (against a wall etc.), to hem in"; Dal-verb Dessoulavy ma jtihx u Barbera, li lanqas fissru jgħidilna "Tale verbo manca dai dizzionari Arabi". Iżda mhux kif qal Barbera, għaliex fil-Għarbi għandna l-verb *ħarak*, li jfisser "to be filled (udder), to throng (crowd)" (Hava). U fis-Sirjan l-istess verb ifisser "serrer ou gêner (de personnes assires) en prenant place parmi elle" (Barthelemy). Biex tfisser kif fil-Malti żdiedet l-aħħar konsonanti *n* qabbel il-Malti *hewden* "to rave" ma' l-Għarbi ha*dh*a "to rave, to speak deliriously" (Hava).

(***fadal***).